MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru 76/2011

Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)

vs

Charles Baldacchino

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 431676M, akkuzat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2010 ghal habta tal-ghaxra ta' fil-ghodu gewwa Triq Mario Cortis, Attard:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq vettura ta' l-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni IBI741 ghad-dannu ta' Rinaldo Balzan, liema hsara tammonta ghal-valur li ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u

disa' u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin centezmu (116.47).
2. involontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rinaldo Balzan hekk kif iccertifikat Dr. Ethel Farrugia mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.
3. bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb xehet ilma jew hwejjeg ohra mahlula jew hmigijiet ohra fuq Rinaldo Balzan.
4. qal kliem oxxen fil-pubbliku.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizjonata, rat l-Artikolu 325(b), 226(c), 339(f), 338(bb), 342 tal-Kap 9 u tiddeciedi:

1. rigward l-ewwel akkuza tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.
2. rigward it-tieni, it-tielet u r-raba' tikkundannah ammenda komplessiva ta' €150.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu relattivament l-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------